**Domanda preliminari**

L-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 ([1]) kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn detenturi tal-permess uniku ta' residenza u ta' xogħol u ċittadini nazzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi, bil-kontra ta' dak li huwa previst fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istat Membru, li l-membri tal-familja tal-ħaddiem detentur ta' permess uniku u li ġej minn pajjiż terz, jekk huma jirrisjedu fil-pajjiż terz ta' oriġini, huma esklużi miċ-ċirku tal-membri tan-nukleu familjari meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-allowance għan-nuklei familjari?

([1]) Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU 2011, L 343, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fil-11 ta' April 2019 — Istituto Nazionale della Previdenza Sociale vs VR**

**(Kawża C-303/19)**

(2019/C 288/18)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Istituto Nazionale della Previdenza Sociale

*Konvenut:* VR

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 ([1]) kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn residenti għat-tul u ċittadini nazzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi, bil-kontra ta' dak li huwa previst fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istat Membru, li l-membri tal-familja tal-ħaddiem resident għat-tul u li ġej minn pajjiż terz, jekk huma jirrisjedu fil-pajjiż terz ta' oriġini, huma esklużi miċ-ċirku tal-membri tan-nukleu familjari meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-allowance għan-nuklei familjari?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).